# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 44

Il-Ħamis 24 ta' Frar 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

44.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil u l-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi nfurmaw lill-Kunsill li ser ikun indisposti minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 44.2 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report: Jannar 2021 – Diċembru 2021 (Ir-raba' kwart);

44.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 li ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart Jannar 2021 – Diċembru 2021 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 44.3 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2021;

44.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statements* għas-sena 2021 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri li kien intbagħat ukoll għall-attenzjoni tagħhom permezz ta' *email*.
Il-*financial statements* għas-sena 2021 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 44.4 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

44.4.1 **MXR/01/2022 - *Tender for the provision of architectual and engineering consultancy services in relation to projects undertaken by Il-Munxar Local Council*.**

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Frar 2022. Kien hemm tlett offerti:
Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers - €71,250.00
Hermann Bonnici - €48,625
Vassallo Engineering Consultants - €44,100.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent Vassallo Engineering Consultants li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

44.4.2 MXR/02/2022 – *Tender for the supply and delivery of planters.*

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li matul il-proċess tal-evalwazzjoni kien hemm xi problemi tekniċi li affaċċja offerent x'ħin ġie biex jirrispondi kjarifika mitluba mill-bord tal-evalwazzjoni b'konsegwenza li dan ma ssottomettiex il-kjarifika fil-ħin. Il-bord tal-evalwazzjoni qed jistenna direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi.

44.4.3 MXR/03/2022 – *Paving works at Triq Dun Spir Gauci c/w Triq Żgħawri, Il-Munxar.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Frar 2022. Kien hemm offerta waħda:
GM Developments Ltd - €22,838.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil dan l-offerent GM Developments Ltd li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

## 44.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 17 ta' Marzu 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 17 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri<br>Sindku | Ryan Debrincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR